MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 391/2012

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn (2) ta’ Dicembru elf disgha mija tnejn u sebghin (2/12/1972) skont certifikat taz-zwieg Nru 153/1973;

Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom hamest itfal (5), illum kollha maggioreni u lkoll ‘il fuq minn tlieta u ghoxrin sena (23);

Illi l-partijiet isseparaw konsenswalment b’kuntratt ta’ firda personali fl-atti tan-Nutar Dr Patrick Critien datat sebgha u ghoxrin ta’ Lulju tas-sena elf disgha mija tmienja u tmenin (27/7/1988) (Dok A);

Illi l-partijiet ghexu separatament minn dakinhar tas-separazzjoni konsenswali;

Illi prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet m'hemmx;

Illi l-manteniment thallas regolarment ai termini tal-istess kuntratt;

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna l-hall taz-zwieg minnhom kontratt fit-tnejn ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija tnejn u sebghin (2/12/1972);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg sabiex id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha ippremettiet :

Illi hija topponi ghat-talba stante li zewgha qed jaghmel dan sabiex sussegwentement jiehu passi biex inaqqas il-manteniment li ntrabat li jhallas fil-kuntratt ta' separazzjoni li huwa anness bhala Dok A fir-rikors guramentat tal-istess zewgha;

Illi sakemm zewgha jobliga ruhu mal-Qorti li huwa mhux ser jiehu passi biex inaqqas l-manteniment, tali talba tieghu ghandha tigi michuda;

Illi l-esponenti qed tipprezenta bhala Dok B skambju tal-ittri li juru dan;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Li hija ma ghandhiex tbaghti spejjez;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Lulju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Dicembru, 2012;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta’ Lulju, 1988 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi dejjem hallas regolarment il-manteniment dovut minnu u il-fatt illi jista ‘il quddiem jibda proceduri sabiex dan il-manteniment jigi ridott bl-ebda mod ma iwaqqaf lil din il-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza taghha peress illi skond il-Ligi il-Qorti trid tara biss illi l-manteniment dovut illum qieghed jigi regolament imhallas mir-rikorrenti u dan il-fatt gie ippruvat ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------